31999D0575



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-23 ta' Marzu 1998
## dwar il-konklużjoni mill-Komunità' tal-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta' annimali vertebrati wżati għal skopijiet sperimentali u oħrajn xjentifiċi

(1999/575/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità' Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 100a, flimkien ma' Artikolu 228(2) u (3), l-ewwel subparagrafu ta' dan;

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [1],

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [3],

(1) Billi fl-24 ta' Novembru 1986 il-Kunsill adotta d-Direttiva 86/609/KEE [4] dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi oħrajn ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-ħarsien ta' l-annimali vertebrati wżati għall-esperimenti u għal skopijiet xjentifiċi oħrajn, u li tiffissa regoli komuni li jinkorporaw il-prinċipji, għanijiet u dispożizzjonijiet ewlenin tal-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta' annimali vertebrati wżati għal skopijiet sperimentali u oħrajn xjentifiċi;

(2) Billi d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Direttiva u Konvenzjoni jaffettwaw il-kondizzjonijiet tal-produzzjoni u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti u sustanzi li l-iżvilupp tagħhom jinvolvi l-esperimenti msemmija fihom; billi dawk id-dispożizzjonijiet għalhekk jikkontribwixxu lejn t-twaqqif u l-iffunzjonar tas-suq intern, li l-kisba tiegħu tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Komunità';

(3) Billi l-użu ta' primati għal skopijiet sperimentali u għal skopijiet xjentifiċi oħrajn iġorr ir-riskju ta' tbatija għal dawk l-annimali u għalhekk għandu jiġi mnaqqas;

(4) Billi l-użu ta' primati għal skopijiet sperimentali u għal skopijiet xjentifiċi oħrajn wassal għall-qbid ta' primati slavaġ, u billi dan għandu jiġi evitat kulmeta huwa possibbli minħabba t-tbatija u t-telf li jista' jseħħ waqt il-qbid u t-trasport;

(5) Billi l-Ħames Programm ta' Azzjoni Ambjentali għandu l-għan li jieħu xi passi pożittivi lejn it-tnaqqis ta' 50 % fl-użu ta' annimali għal esperimenti sas-sena 2000; billi dan il-għan ma jistax, madankollu, jimpedixxi l-formulazzjoni u l-kisba ta' għanijiet aktar ambizzjużi;

(6) Billi l-Komunità' qiegħda żżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa metodi sostituti u mudelli ta' simulazzjoni komputerizzati, waqt li tagħti attenzjoni partikolari lix-xogħol imwettaq miċ-Ċentru Ewropew għall-validazzjoni ta' metodi alternattivi (ECVAM), ħalli l-għan tat-tnaqqis ta' l-esperimenti fuq l-annimali jkun jista' jiġi miksub fil-futur qarib;

(7) Billi l-Komunità' tappoġġa wkoll il-proġetti kollha li jinkoraġġixxu skambju sħiħ u mhux kumplikat ta' informazzjoni dwar l-użu ta' annimali f'esperimenti, u li jippreskrivu li l-esperimenti doppji bla bżonn għandhom jiġu evitati, *inter alia* permezz ta' regoli għat-tieni applikanti;

(8) Billi l-Komunità' iffirmat il-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta' annimali vertebrati wżati għall-esperimentazzjoni u għal skopijiet xjentifiċi oħrajn fl-10 ta' Frar 1987;

---

(1) ĠU C 200, tal-5.8.1989, p. 8.
(2) ĠU C 291, ta' l-20.11.1989, p. 43 u ĠU C 269, tas-16.10.1995, p. 38.
(3) ĠU C 329, 30.12.1989, p. 10.
(4) ĠU L 358, tat-18.12.1986, p. 1.

(9) Billi huwa meħtieġ li l-Komunità' tapprova l-imsemmija Konvenzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Komunità' għandha tapprova l-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta' l-annimali vertebrati wżati għall-esperimenti u għal skopijiet xjentifiċi oħrajn, soġġetta għal riserva fir-rigward ta' Artikolu 28 (1) in-kwistjoni.

It-test tal-Konvenzjoni jinsab f'Anness A.

It-test tar-riserva jinsab f'Anness B.

*Artikolu 2*

1. Il-President tal-Kunsill qiegħed jiġi awtorizzat biex jinnomina persuna jew persuni li għandhom is-setgħa biex jiddepożitaw l-istrument ta' l-approvazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, skond l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni.

2. Meta tkun qiegħda tiddeposita l-istrument ta' approvazzjoni, l-persuna jew persuni nominati għandhom, b'mod konformi ma' Artikolu 34(1) tal-Konvenzjoni, tagħmel/jagħmlu r-riserva stipulata f'Anness B ta' din id- Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id- Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Marzu 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MEACHER